# IL-BALLATA TAL-ASSEDJU TA’ GĦAWDEX

Gżira t’Għawdex, gżira sbejħa
ta’ widien u ta’ għoljiet,
gżira ġawhra qalb il-kħula,
tal-baħar u tas-smewwiet.

Mal-għoljiet tiegħek jiżżerżaq
raba’ mżewwaq ħbula, ħbula;
merħliet bojod dwar il-knisja
id-djar ċkejkna tal-irħula.

Għolja minnhom f’nofs il-gżira
ġiet mibnija bħala sur;
fiha l-belt u l-knisja l-kbira,
fiha jgħix il-Gvernatur.

Oh” xi ġmiel fil-qaliet tiegħek,
Marsalforn u r-Ramla l-Ħamra,
fejn Ulisse minn ġol-Greċja
ma’ Calypso ġie jinnamra!

Ħarrub, tin, żebbuġ u bajtar
imħaddrin ma’ kullimkien;
imnieżel fir-raba’ bagħli,
ħxejjex, frott ġewwa kull ġnien!

Kollhom għaqal, kollhom bieżla
l-irġiel tiegħek felħanija;
kemm jifilħu dawk dirgħajhom
tixhdu sewa il-Ġgantija!

U dik marthom kollha ġabra,
fuq xuxitha ġgor il-qliel;
tagħżel, tinseġ, ġbejniet tagħmel,
tiflaħ tagħżaq daqs l-irġiel!

Kif jaraw xitla tal-ħabaq
mifruxa mit-tieqa ’l barra,
jgħannu ż-żgħażagħ lill-ħanina
filgħaxija bil-kitarra.

Il-ħanina għadha tishar
tal-bizzilla biex il-qies
hija taqta’, u l-għada tbigħha,
u bi flusha tixtri l-ġhież.

Bħal daż-żmien jistennew dari
li tasal Santa Marija
biex jaraw il-puċissjoni
jieħdu l-bhejjem għat-tiġrija.

’Mma did-darba d-dell qed titfa’
fuq dal-ġmiel l-id tad-destin;
dan ser jaħtfu sew kif l-ajkla
tinżel taħtaf il-ġojjin.

Minn Sqallija l-aħbar waslet
li lil Tripli u ’l dawn il-gżejjer
bil-qawwiet u l-flotta tiegħu
Suliman jattakka sejjer.

Kulħadd beża’ ħlief d’Omedes
mhux għax kien bniedem qalbien,
imma għax xejn ma kien iqanqlu,
bniedem rieqed u għażżien.

Ġewwa Għawdex qamet agħa,
sur immermer bla kanuni
l-Għawdxin kellhom ħa jħarishom;
x’tiswa qalbhom tal-iljuni?

L-Għawdxin xtaqu kieku n-nisa
li jibagħtu u t-tfal iż-żgħar
ġo Sant Anġlu, biex jiġġieldu
aktar ħielsa fuq is-swar.

Lejn Sant’ Anġlu għalhekk bagħtu
żewġ dgħajjes bihom mgħobbija;
’mma d’Omedes, malli waslu,
bagħathom lura bla mogħdrija.

Il-Gran Mastru webbel f’moħħu
li l-Għawdxin qaktar qlubin
ser jissieltu jekk ikunu
mal-familji magħqudin.

Minn l-aħbar xi jumejn wara,
fit-tmintax ta’ Lulju sewwa,
ġol-grigal minn fuq Sant’ Anġlu
raw il-flotta tal-għedewwa.

Mija u ħamsa u erbgħin xini
b'elf moqdief jgħinu lill-qlugħ:
taħt Dragut u Sinam Baxa
fuqhom disat elef ruħ.

Wara s-swar il-Maltin tkennu,
min fil-Birgu, min fl-Imdina;
il-Għawdxin fil-Kastell daħlu,
kulħadd jgħajjat, "x'ġej għalina".

Ta' Dragut minn fost ix-xwieni
il-kaptana quddiem nett;
ftit intlaqtu mill-kanuni,
kollha daħlu Marsamxett.

Ras Dragut irid li jibda
minn Sant' Anġlu l-aktaw qawwi;
Sinam jgħid biex titla' fuqu
ġwienaħ trid kif għandu l-gawwi.

Ta' Sinam ir-rieda tirbaħ,
għall-Imdina jrid jdur;
jordna l-flotta terfa' l-ankri,
ta' San Pawl ġol-qala tmur.

U minn hemm l-armata niżlet
għall-Imdina, u fit-triq tagħha
kissret, ħarbtet, ħarqet, serqet,
u li setgħet ġarret magħha.

Kien il-jum għoxrin ta' Lulju,
fuq l-Imdina beda l-ħbit;
bil-kanuni u bl-iżbandoli
iwieġeb is-sur imqit.

Ras Dragut żewġ dgħajjes qabad,
waħda minnhom ħdejn Kemmuna;
kienet dgħajsa sejra titlob
lil d'Omedes ftit għajnuna.

Mill-baħrin li kien hemm fiha
Dragut għaraf li l-Għawdxin
ma kenux armati sewwa,
mill-porvli kienu neqsin.

U mill-oħra Dragut qabad
ittra ġejja minn Sqallija:
kienet tgħid ta' Dorja l-flotta
riesqa tgħin lin-nies maltija.

Dik l-ittra ma kinetx vera,
Dorja Spanja kellu jkun;
'mma Dragut, kif ħadmuhielu,
dlonk belagħha daqs mazzun.

Tlitt ijiem ilha t-taqbida,
milli jidher ser tkun twila;
bil-għajnuna ta' Sant' Agti
tal-Maltin tiżdied il-ħila.

Tliet mitt ruħ Siman ġa tilef,
għalhekk beda jaqta' l-jies;
dik l-ittra kompliet ġagħlitu
biex tirtira jordna n-nies.

Lejn San Pawl ilkoll jerħulha
biex jitilgħu fuq ix-xwieni;
il-Maltin jiżżuħajr 'l Alla,
ġol-Imdina kulħadd hieni.

Qabel Tripli jmur jattakka
Sinam għad fadallu żmien
biex lil Għawdex imur jaħtaf,
u jeqirdu mis-sisien.

Minn San Pawl tal-Ħalfa l-Ġebla
Dragut lemaħ fid-dagħdigħa;
"Il-jum wasal," qal ġo qalbu,
li lil Għawdex inpattiha."

Waqt taqbida fuq il-gżira
il-Għawdxin qatlu lil ħuh;
Dragut talab il-katavru,
quddiemu l-Għawdxin ħarquh.

Fit-tnejn u għoxrin ta' Lulju
minn San Pawl ix-xwieni torok
mas-sebħ bewġu u ġewwa l-fliegu
waqfu lkoll bħal qatgħa borok.

Minn l-Imġarr sa Ras il-Qala
qagħdu x-xwieni ħdejn xulxin,
kienu s-sura ta’ nofs qamar;
ġol-Kastell lesti l-Għawdxin.

Torok niżlu fuq il-gżira
mat-tmint elef seba’ mija,
lebsin l-abjad b’tarbux aħmar,
kollhom ċajt u daħqanija.

Imlew l-ilma minn Għajnsielem,
matul triqthom lejn is-swar
ħadu u serqu kull ma sabu,
u lill-bqija taw in-nar.

Il-knejjes ipprofanati,
kwadri, vari lkoll maħruqa;
mitfijin kollha l-lampieri,
il-bibien kollha misruqa.

Seba’ mija d-dejma t’Għawdex,
kanunier hemm wieħed biss;
sew bħas-soltu, tul il-ġrajja,
loqma żgħira ’l Għawdex tmiss.

Kavalliet il-Għawdxin bagħtu
għand d’Omedes għall-għajnuna,
iżda t-Torok lilu qabdu,
u ġagħluh bilfors jispjuna.

F’Putirjal u ġewwa l-Misraħ
ta’ San Ġorġ diġa mqegħdin
il-kanuni kbar tat-Torok,
disgħa għandhom u għoxrin.

Fl-erbgħa u għoxrin ta’ Lulju
tal-kanuni bdiet il-ġliba
sfiq tispara, u s-sur imsejken
b’kanun wieħed ta t-t-tweġiba.

Nies maqtula, nies midruba,
nies imgeddsa ma’ xulxin
ġo sur ċkejken, dejjaq ġolqa
b’dawk ġitanu misjurin.

Fuq is-sur l-irġiel imperrċa
jimmiraw minn dak il-għoli
b'ħafna vleġeġ lejn it-Torok,
ħaġar jitfgħu bl-iżbandoli.

Ta' Cardona fuq it-torri
Dragut jara l-isparar,
fil-ħitan jilmaħ it-toqob,
ġebel nieżel minn mas-swar.

Il-Kastell mibni la antika,
sura tonda, mingħajr torba
ġol-imramem, Dragut jara
fi ftit jiem ser jaqa' żorba.

Kanunier biss wieħed għandhom,
kien Ingliż u bih l-Għawdxin
darbu u qatlu ħafna Torok
ġewwa l-misraħ mifruxin.

Jimmirawh it-Torok sewwa
kulħadd fuqu qed jispara,
lilu jolqtu, l-isbaħ arma
hekk intemmet tal-insara.

Żewġ Għawdxin daħlu minfloku,
fil-kanun ma jifhmu xejn;
kulħadd fuqhom reġa' spara,
fl-art maqtula sfaw it-tnejn.

U tnejn oħra nkiss iddendlu
minn mas-sur bil-lejl mal-ħbula;
tletin tork bejniethom qatlu,
sakemm fl-aħħar ġew maqtula.

Il-ħbit baqa' sejjer aħrax,
il-Kastell sar munzell trab,
minn ġo Malta lemħu lilu
qisu qiegħed qalb is-sħab.

Tal-Kastell it-triq hi dejqa,
it-Torok għadhom jitgerrxu
illi jersqu, għax kull darba
il-vleġeġ lilhom iferrxu.

Żewġ Torok ixxabbtu u telgħu
fuq ix-xifer tal-bastjun;
lilhom ’l isfel waddab b’saħħa
Cumbu t’Għawdex ta’ Sansun.

Fil-ħamsa u għoxrin ta’ Lulju,
ta’ San Ġakbu l-festa kbira,
il-kbarat mal-lejl iltaqgħu
biex lill-għadu jċiedu l-gżira.

Lil Patri Bonaventura
għand Sinam bagħtu mas-sbiħ;
Sinam laqa’ tajjeb ħafna
ġewwa t-tinda lil dax-xiħ.

Biex iċiedu l-Patri riedu
mitejn ruħ mill-kbar tal-gżira,
ħielsa jħalli bla mittiefsa
u lill-bqija jieħu lsira.

Kif dan semgħu bdew jiddendlu
il-Għawdxin bla telf ta’ żmien
minn mas-sur, tliet mija ħarbu
lejn l-għoljiet, lejn il-widien.

“Il-Kastell mirbuħ u mġarraf,
il-patti nagħmilhom jiena”,
qal il-Baxa, “il-ħakem tiegħek
jista’ biss jitlob il-ħniena.”

Ma’ dan kollu l-Baxa mħejji,
jekk fis-swar jidħol bla għelt,
illi jerħi bħala ħielsa
erbgħin ruħ mill-kbar tal-belt.

Minn għajnejh id-dmugħ iġelben
il-Patri Bonaventura;
il-kbarat mimlija ħerqa
jistennewh li jerġa’ lura.

Malli rawh dlonk niżżlu l-ħbula
sabiex jitla’ ġewwa s-sur;
il-patti ta’ Sinam Baxa
kellu jilqa’ l-Gvernatur.

Fis-sitta u għoxrin ta' Lulju,
kien il-Ħadd, għadu kemm sebaħ,
il-bibien tal-belt infetħu,
tbaxxa l-pont għal min kien rebaħ.

Sinam Baxa b'ħafna rwajjes
feġġ bid-daħqa ta' rebbieħ;
il-ħakem b'rasu baxxuta
tah ix-xabla u l-muftieħ.

Fost id-daqq ta' trombi u tnabar
il-bandiera tan-Nofs Qamar
Dragut tella' fuq it-torri;
il-Għawdxin għajnejhom ġamar.

Il-Ġannassri daħlu l-ewwel,
serq u ħerba kullimkien;
nies marbuta, djar imwaqqgħa,
lill-arkivji taw nirien.

Bosta kienu dawk li f'darhom
siltu x-xabla fid-dagħdigħa;
flok il-jasar bogħod minn arthom
għażlu l-mewt waqt it-taqtigħa.

Fosthom kien D'Opoi Bernardu –
iżejjen tal-ġrajja l-ktieb –
qata' r-ras ta' martu u wliedu,
qagħad jistenna ħdejn il-bieb.

Ġew żewġ Torok, lilhom qatel,
oħrajn darab bil-qlubija;
ġiet il-ġliba, lilu dawru,
qattgħuh bċejjeċ bil-ħruxija.

Maqbudin seba' mitt raġel,
ħamest elef nisa u tfal,
dawna kollha ġew imgeddsa
fil-pjazza tal-kattidral.

Lejn ix-xatt ġagħluhom jimxu
bi ħwejjiġhom wara daharhom;
għal min jibqa' nitfa lura
il-frostin idur madwarhom.

Waqt li miexja raġel Xagħri
qal bil-moħbi lill-kursar
li teżor ta' deheb u flejjes
kellu moħbi ġewwa għar.

Il-kursar b'xi għaxra miegħu
ma' Gawdenz mar għat-tfittxija;
flok teżor it-Torok sabu
qabda nies fil-għar moħbija.

Ħfief daqs leħħa minn ta' berqa
qabżu fuqhom ix-Xagħrin;
bil-fisien u l-mannaretti
sabu ruħhom imtertqin.

Ħafna Torok marru jfittxu
lill-Għawdxin li kienu ħarbu;
Vitor Said ħanxret żewġ Torok
qabel lilha għall-mewt darbu.

Doru Xriha u ż-żewġ uliedu
bit-Torok imlew il-bir
qabel huma ġew maqtula,
ħadd minnhom ma mar ilsir.

Ta' Sinam kulħadd jistaqsi
x'ġara kien mill-wegħda kbira
illi jħalli ġewwa Għawdex
erbgħin ruħ mill-kbar tal-gżira.

Tal-kbarat illi jeħilsu
mar u tar il-ħsieb mar-riħ;
għax Sinam mhux kbarat ħeles
imma ħeles erbgħin xiħ.

Mara tqila mwassla fl-aħħar –
kemm talab Bonaventura! –
Sinam ġietu ħniena minnha
u ħallieha terġa' lura.

Waslu lkoll fi Mġarr ix-Xini,
xini nieżla, xini tielgħa;
newwel, newwel, newwel, newwel,
il-post sar Ras in-Newwiela!

Kollha telgħu fuq ix-xwieni,
mal-imqadef marbutin;
għal min jegħja u jieqaf jaqdef
frosta f'idu l-argużin.

B'qalb maqsuma, bid-dmugħ nieżel,
bit-twerwir kulħadd jitriegħed;
minn ġot-toqob tal-imqadef
raw lil Għawdex qed jitbiegħed.

Mill-għoljiet dawk illi ħarbu
isellmulhom imnikktin;
min qatt lilhom jista' jfarraġ
ta' ġrajja kiefra bħal din?

Sabu ruħhom ġewwa Tripli;
fid-deżert kbir u setgħan
huma għerqu, sew kif tegħreq
taqtira ilma f'oċejan.

Gżira t'Għawdex, gżira sbejħa
ta' widien u ta' għoljiet;
gżira ġawhra qalb il-kħula
tal-baħar u tas-smewwiet!

'Mma l-imsejkna wliedek kollha
li ħallew tiegħek ix-xatt,
qatt ma jerġgħu jirfsu fuqu,
qatt u qatt, u qatt u qatt!.